

**DEĊIŻJONI Nru 1/2023 TAL-KUNSILL TA' SĦUBIJA
STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-
UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,
MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA'
FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta' 21 ta' Diċembru 2023

**fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali ta' oriġini speċifiċi għall-prodott
għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettrifikati**

IL-KUNSILL TA' SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu u l-Anness 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fl-Anness 5 tiegħu, jipprevedi d-dħul fis-seħħ gradwali ta' regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettrifikati.
- (2) Tqajjem tħassib dwar l-isfidi ppreżentati mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-immuntar ta' vetturi elettriċi fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit.
- (3) Għalhekk, huwa xieraq li l-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettriċi applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2023 tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2026. Mill-1 ta' Jannar 2027, se japplikaw ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettriċi kif stabbiliti fl-Anness 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (4) L-għan tar-regoli speċifiċi għall-prodott għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettriċi stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa li jiġi inċentivat l-investiment fil-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit. Jenħtieġ li ma jiġi kkunsidrat l-ebda posponiment ulterjuri tar-regoli l-ġodda. Għalhekk, jenħtieġ li l-emenda prevista telimina wkoll il-possibbiltà għal aktar bidliet fir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għall-akkumulaturi elettriċi u l-vetturi elettrifikati sal-1 ta' Jannar 2032.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 68 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 68

Emenda għal dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu

1. Il-Kunsill ta' Sħubija jista' jemenda dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu, soġġett għall-paragrafu 2.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:
 - (a) l-Anness 5 ta' dan il-Ftehim;

- (b) ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott stabbiliti fl-Anness 3 għall-prodotti elenkati fl-Anness 5, sal-1 ta' Jannar 2032; u
- (c) dan l-Artikolu, sa fejn jirrigwarda l-Anness 3 għall-prodotti elenkati fl-Anness 5, u għall-Anness 5 sa Jannar 2032;

Madankollu, il-paragrafu 1 għandu japplika meta r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott stabbiliti fl-Anness 3 għall-prodotti elenkati fl-Anness 5, jew fl-Anness 5, jiġu emendati minħabba aġġornamenti tas-Sistema Armonizzata”.

Artikolu 2

L-Anness 5 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell u Londra, 21 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill ta' Sħubija

Il-Kopresidenti

is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

David CAMERON

ANNEX

“ANNEX 5

REGOLI TRANŻIZZJONALI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT GĦAL AKKUMULATURI ELETTRIĊI U VETTURI ELETTRIFIKATI

Regoli interim speċifiċi għall-prodott applikabbli mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim sal-31 ta’ Diċembru 2026

Għall-prodotti elenkati fil-kolonna 1 hawn taħt, ir-regola speċifika għall-prodott elenkata fil-kolonna 2 għandha tapplika għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim sal-31 ta’ Diċembru 2026.

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluż deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott applikabbli mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim sal-31 ta’ Diċembru 2026
85.07	
- Akkumulaturi li fihom ċellola tal-batterija waħda jew aktar jew moduli tal-batteriji u ċ-ċirkwiti biex jiġu interkonnessi bejniethom, spiss imsejħa “pakketti tal-batteriji”, tat-tip użat bħala s-sors primarju tal-enerġija elettrika għall-propulsjoni tal-vetturi tal-intestaturi 87.02, 87.03 u 87.04	CTSH; Assemblaġġ ta’ pakketti tal-batteriji minn ċelloli tal-batteriji jew moduli tal-batteriji mhux orġinarji; jew MaxNOM 70 % (EXW)
- Ċelloli tal-batteriji, moduli tal-batteriji u partijiet tagħhom, maħsuba biex jiġu inkorporati f’akkumulatur elettriku tat-tip użat bħala s-sors primarju tal-enerġija elettrika għall-propulsjoni tal-vetturi tal-intestaturi 87.02, 87.03 u 87.04	CTH; jew MaxNOM 70 % (EXW)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (2017) inkluż deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott applikabbli mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2026
87.02-87.04	
<ul style="list-style-type: none"> - vetturi oħra, kemm b'magna b'kombustjoni interna kif ukoll b'mutur elettriku bħala muturi għall-propulsjoni, għajr daww kapaċi li jiġu ċċarġjati billi jiġu pplaggjati ma' sors estern ta' elettriku ("ibridi"); - vetturi oħra, kemm b'magna bil-pistins b'kombustjoni interna bil-moviment alternat kif ukoll b'mutur elettriku bħala muturi għall-propulsjoni, kapaċi li jiġu ċċarġjati billi jiġu pplaggjati ma' sors estern ta' elettriku ("ibridi rikarikabbli); - vetturi b'mutur elettriku biss għall-propulsjoni 	MaxNOM 60 % (EXW)

"